

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Imputati \(proċeduri Kriminali\)](#) > [Austria](#)

Imputati (proċeduri kriminali)

Il-kontenut ipprovdut minn Awstrija

Awstrija



Dawn l-iskedi informattivi jispjegaw x'jiġri meta xi ħadd ikun suspettat jew akkużat b'delitt li jinstema' permezz ta' proċess quddiem il-qorti. Skont il-liġi Awstrijaka, tkun wettaqt reat biss meta tkun ksirt dispożizzjoni legali speċifika fis-seħħ fil-mument meta tkun wettaqt l-att. Id-dritt ta' prosekuzzjoni huwa dritt tal-Istat. L-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni u, taħt id-direzzjoni tagħhom, id-dipartiment tal-investigazzjoni kriminali, kif ukoll il-qrati, iridu jiddeterminaw il-fatti u jiċċaraw iċ-ċirkostanzi kollha li huma ta' importanza meta jiġu vvalutati l-fatti.

Id-drittijiet tal-imputati fi proċedimenti kriminali

Dawn l-iskedi informattivi jispjegaw x'jiġri meta xi ħadd ikun suspettat jew akkużat b'delitt li jinstema' permezz ta' proċess quddiem il-qorti.

Skont il-liġi Awstrijaka, tkun wettaqt reat biss meta tkun ksirt dispożizzjoni legali speċifika fis-seħħ fil-mument meta tkun wettaqt l-att. Id-dritt ta' prosekuzzjoni huwa dritt tal-Istat. L-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni u, taħt id-direzzjoni tagħhom, id-dipartiment tal-investigazzjoni kriminali, kif ukoll il-qrati, iridu jiddeterminaw il-fatti u jiċċaraw iċ-ċirkostanzi kollha li huma ta' importanza meta jiġu vvalutati l-fatti.

Fl-iskedi informattivi li ġejjin, se ssir taf dwar drittijietek bħala imputat jekk jitressqu proċedimenti kriminali kontrik fl-Awstrija. Għandek drittijiet differenti matul l-istadji differenti tal-proċedimenti. L-aktar stadji importanti fil-proċedimenti se jiġu spjegati f'forma mqasra sabiex tkun tista' taċċessa malajr l-informazzjoni li teħtieġ.

Sommarju tal-proċedimenti kriminali

Fil-prinċipju, il-proċedimenti kriminali fl-Awstrija jikkonsistu fi tliet stadji:

- L-investigazzjoni
- L-istadju tal-proċess
- L-Appell

Tista' ssib id-dettalji dwar dawn l-istadji kollha fil-proċess u dwar drittijietek fl-iskedi informattivi. Din l-informazzjoni mhijiex qiegħda biex tiegħu post il-konsulenza legali u hija maħsuba biss bħala gwida.

Jekk inti vittma ta' xi delitt, tista' ssib l-informazzjoni kollha dwar drittijietek hawnhekk.

Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt biex issib l-informazzjoni li teħtieġ

[Id-drittijiet tiegħi matul l-investigazzjoni](#)

[Id-drittijiet tiegħi matul il-proċess](#)

■ L-aħħar aġġornament: 15/09/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.